Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 147/2018

Il-Pulizija

Spettur Carlos Cordina

Spettur Robert Vella

Vs

Sean Micallef

Illum 27 ta' Frar 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Sean Micallef detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 271593M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Bejn it-02 u it-03 ta' Jannar, 2016 ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti ohra minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Steve Stationery' sitwat gewwa Triq Anton Buttigieg, Hamrun, liema serq sar ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew ta' xi persuna/i; u/jew ta' xi entità, u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500) u li saret ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew ta' persuna/i, u jew ta' xi entità, u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 278(3) u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Sean Micallef hati fuq ammissjoni tieghu tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' hmistax (15)-il xahar.

Il-Qorti ordnat ukoll illi ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputat Sean Micallef ihallas is-somma ta' wiehed u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€91.35) fi zmien sena mil-lum naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-procedura redatta mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech li tinsab esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sean Micallef,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fir-rigward tal-piena li giet inflitta fuqu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Sean Micallef huma s-segwenti u cioe`:-

L-aggravju tal-appellant huwa fir-rigward tal-piena lilu moghtija u dana minhabba l-fatturi segwenti:

a) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti ammetta fi stadju bikri hafna tal-proceduri;

b) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti ilu ghal diversi snin – u minn meta kien zghir hafna – ibati mill-vizzju tad-droga;

c) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti huwa dispost li jidhol f'programm residenzjali biex jeghleb il-problema serja ta' droga li ghandu. Dan johrog anki mill-Pre-Sentencing Report tal-Probation Officer Rona Custo u li gie kkwotat fis-sentenza appellata.

Ikkunsidrat.

Illi nhar it-12 ta Ottubru, 2018 xehdet **Dr Roberta Holland** u spjegat illi hija timmaniggja is-servizzi psokoligici tal-Habs. Ikkonfermat li l-appellant fil-present jinsab residenti gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin u kien gie riferut ghas-servizzi psikologici u gie invistat min persuna gewwa il-Crises intervention unit sakemm dan jigi assessjat minn Psikologa biex jibda isegwih b'mod regolari. Qalet li fi-fehma taghha l-appellant kien irrefera lilu innfisu. Ghall-ewwel beda jigi invistat min Shirley Borg li ghalkemm hija psikologa kien ghad ma kellhiex warrant u dan ifisser li tista tahdem biss taht supervision .

**Shirley Borg** xehdet dakinhar tat-12 ta' Ottubru, 2018 u kkonfermat li kien ilha li bdiet tiehu hsieb lill-appellant sa mill-5 ta' Jannar, 2018 u tghid li kien gie riferut ghandha ghall-ghajnuna psikologika. Hija ghalhekk zammet diversi sessjonijiet mieghu biex tghinu jindirizza l-kwistjonijiet emozzjonali u ssahhah l-gharfien fuq l-attitudini u l-imgieba tieghu fuq livell ta' motivazzjoni u kif jista jghamel uzu ahjar

mill-hin tieghu il-habs. Ipprovat tghinu ukoll fir-rigward il-hsibijeit tieghu li kienu qed jostakolaw il-kwalita tal-hajja tieghu u anke l-problema ta' abbuz ta' droga.

Mistoqsija jekk ratx xi progress f'dawn l-ahhar xhur fir rigward tal-appellant tghid li l-appellant kien applika ghall- programm tad-droga pero kien ghadu ma bedihx. Tghid li minn Jannar 2018 sa meta xehdet ittihdulu diversi kampjuni tal-awrina tieghu sabiex jigu testjati ghall-presenza ta' sustanzi illeciti u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghal tali presenza. Hija pprezentat ir-rapport taghha li gie market bhala dok SB[1]

Fir-rapport taghha ikkonkudiet li l-appellant wetaq xi tibdil fl-imgueba u attitudini tieghu u li l-bidla kient wahda posittiva . Pero ghad hemm certuaspetti fejn jista itejjeb lilu innifsu ughalhekk ghad hemm bzonn ta' intreventi f'an ir-rigward. Dan il-kambjament gie notat fuq medda ta ftit xhur u f'ambjent sikur u ikkontrollat . Issuggeriet li dan il-progress ikun osservat fuq perijodu itwal ta' zmien sabiex wiehed jikkonferma li t-tibdiliet li qed ikunu osservati huma genwini uhuwa jkollu l-opportunita li jikkonsoldia dak li tghallem f'ambjent protett. Dan sabeix una volta johrog mill-habs ikun jista jipprtattikah. Qalet li jkun a beneficcju ghalih li jsegwi programm residenzjali minhabba d-dipiendenza li kellu u dan qabel ma jiskonta din is-sentenza Dan sabiex jkompli jindirizza il-problema li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga b'mod izjed specifiku filwaq li jkun jista' igawdi minn servizzi ta' *after care* mill-istess agenzija.

**Dr Maria Axiaq** tghid li tinvista lill-appellant il-Habs fuq bazi ta' konsulti u dan fuq talbiet tieghu skond l-andament tieghu. Tghid li ilu taht il-kura taghha ghal dawn l-ahhar hames snin u dan dejjem waqt li kien il-habs 'in and out'.. Qalet li primarjament kienet tarah minhabba problema li kellu ta' ansjeta relatata ma uzu ta' droga jew nuqqas ta' tehid ta' droga u l -follow ups li kien ikollha l-Habs huma proprjament sabeix tirregola l-medicina li kien qed jiehu halli tikkontrolla aktar l-ansjeta li jkollu. Il-problema tieghu hi ta dipendenza fuq droga.

[1] Fol. 57

Fil-prezent sa fejn hi iinfurmata tghid li l-appellant huwa '*clean*'. Qalet li minhabba l-problema li kellu dwar uzu ta' droga din kienet twaslu ghal ftuh ta' kazijiet ta' nuqqas ta' dixxiplina gewwa il-Habs pero minn Awwissu 2018 sa meta xehdet ma kellux aktar rapporti u fil-fatt bdiet tarah inqas spiss.

**Noel Fenech** Facilitator mal-Caritas xehed nhar l-4 ta' April, 2019 u spjega li jiehu hsieb l- Prison Inmate Programme( PIP) u qal li l-ewwel darba li rah kien fl-20 ta' Dicembru, 2019 gewwa il-Habs. Spjegat li l-procedura taghhom hi li jghamlu '*out reach'* u jibdew jaraw il-klijenti u dan wara li jkunu ghaddew mill-Bord biex jibdew l-programm ta' rihabilitazzjoni

Qal li dak iz-zmien l-appellant kien ghadu ghaddej bil-kura tal-methadone u minn hemmhekk 'il quddiem bdew pjan biex inaqqas il-methadone. Qal li minn Dicembru 2018 sakemm xehdet hi kienu ghaddew erba' xhur . Qal li kien Bernard Schmebri imbaghad li baqa' isegwih Il-kuntatt mieghu kien f'okkazjoni wahda nhar l-20 ta' Dicembru, 2018 u l-laqgha damet xi hmistax jew ghoxrin il-minuta.

Nhar il-11 ta Lulju 2019 ikkonferma li l-appellant kien lest li jibda programm ghaliex kien heles mit-thid tal methadone. Fis-seduta tad-9 ta Jannar 2020 stqarr li ghalihom kien ikun ahjar li l-appellant jibda il-programm ta rihabilitazzj mgharuf bhala Prison Inmate Programme fl-ahar ghaxar xhur tas-entenza ta prigunerija tieghu sabiex wara jkun hemm l-'after care '.

Fl-4 ta' Frar, 2020 u kkonfemra li l-appellant ghandu jibda il-programm f'Novembru 2020 u jkun ghad fadallu ghaxar xhur biex jispicca is-entenza ta prigunerija tieghu.

**Bernard Schembri** xehed nharis-17 ta' Gunju 2019 u qal li kien iltaqa' mal-appellant f'okkazzjoni wahda gewwa il-Habs xi xhur qabel ma iddepona. Mistoqsi jekk jiftakarx id-data jghid li ma jzommx amment. KIen zmien meta l-appellant kellu intake ta' methadone gholja u huma itellghu bniedem ghall-programme meta ikun '*methadone free'*.Qal li kien idderiga id-dirigenti tal Habs li l-appellant kellu l-eewwel jaqta it-thid tal methadone imbaghad kellu jerga imur izuru u jippreparah ghall-programm.

**David Mellors** xehed[2] bil-ligwa Ingliza u stqarr li jahdem l-Habs responsabbli ghad-dixxiplina tal-habsin u tat-tehid tal-kampjuni tal-awrina ghat testjar. Qal lib'kollox l-appellant ta sbatax-il kampjun mill-14 ta April 2016 sa l-4 ta Gunju 2019 u kien f'zewg okkazjonijiet li kelu rizultat posittiv ghal synthetic drugs l-ahhar wiehed li kien posittiv ghal droga sintetika kien fid-19ta Lulju 2017. Ikkonferma li fil-21 ta Jannar 2016 kelu doza ta methadone ta 75 cc u fis-6 ta' Marzu 2019 ma kienx qed jiehu iktar Methadone.

**Roderick Mifsud** esebixxa rapport market bhala dok RM[3] rigward it-testijiet tal-awrina mehuda mill-appellant kif ukoll il-file li jikkoncerna id-dixxiplina tieghu gewwa il-Habs. Ikkonfemra li t-testijeit tieghu taw rizultta negattiv ghall-presenza ta' sustanza illecita u jghid li fir-rigwad tad-dixxiplina tieghu ma ghandhom xejn negattiv fil-konfront tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta Frar 2020.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appell interpost mill-appellant huwa limitat ghal piena inflitta mill-Ewwel Qorti fejn fuq ammissjoni ta' l-istess appellant dwar il-htija tal-akkuzi gie ikkundannat hmistax-il xahar prigunerija effettiva.

L-appellant sostna fl-appell tieghu li l-piena imposta kienet wahda eccesiva u spjega li l-ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellant ammetta fi stadju bikri hafna tal-proceduri, ma tatx konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti ilu ghal diversi snin u minn meta kien ferm zghir ibaghti mill-vizju tad-droga u in oltre ma tatx kaz ghall-fatt li l-appellant kien dispost li jidhol f'programm residenzjali biex jeghleb il-problema serja ta' droga li ghandu. Dan johrog anke mill-Pre Setencing report tal- Probabtion Oficer Rona Custo u li gie kwotat fis- sentenza appellata.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun

---

[2] Seduta tas-17ta' Gunju, 2019

[3] Fol. 96

sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb** [4]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt.* (Ara. "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella**[5]" , ***Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***[6] u ohrajn.)'

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi**[7]' : il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

Illi fil-kaz in desamina ma jidhirx li dak li stqarret id-difiza huwa minnu u dan qed jinghad ghaleix fil-fatt l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghar rapoort maghmul mill-Probabtion Oficer Rona Custo , stqaret li kient ben konxja li l-appellant kien ilu bil-vizju tad-droga sa minn meta kellu hmsitax-il sena u gall-fatt li l-appellant kien dispost jidhol programm resienzjali.

Jinghad li meta l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha fit-12 ta Marzu 2018 l-appellant ma setghax jibda il- Prison Inmate Programme u dan ghaliex kien ghadu qed jiehu l-methadone u sabiex jibda dan il-programm kellu jkun 'clean'. In olte kif rakkomandat minn Noel Cassar quddiem din il-Qorti kien ikun ahjar li l-appellant jibda il-programm tieghu ta' rihabiltiazzjoni una volta ikun ghad fadallu biss ghaxar xhur x'jiskonta fiss-entenza ta' prigunerija tieghu.

Jidher car li l-ewwel Qorti ezamint ir-rapport tal-Probabtion Officer u minn qari ta l-itess rapport jirrizulta s-segwenti:-

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-14 ta' Gunju, 1999

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-24 ta' April, 2003

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009

1. Li l-appellant kellu problema kbira ta abbuz ta droga sa minn meta kien ghad ghandu eta zghira u din il-problmea ikkaratterizzat b'mod radikali il-hajja tieghu.

2. L-appellant beda jiftah hafna kazijiet il-Qorti proprju minhabba dan l-abbuz.

3. L-appellant ghandu fedina penali reflettarja bi storja ta sanzjniiet fil-komunita, kif ukoll sentenzi karcerarji.

4. L-appellant inghta diversi opportunitajeit sabeix jirriabilta ruhu pero skond dn ir raport qatt ma indirizza lproblema b'mod konkret u minkejja li kien hemm kuntatt mas Sedqa biex jibda programm dan saxxa fix-xejn .

5. Waqt il-peroijodu ta supervizjoni l-appellant ftit li xej ikkopera mal Ufficcjal tal Probabtion u minkejja li ghamel xi mien qasir 'clean' ejjem rega irrikorra ghad-droga.

6. FIl-mori tal gbir tal provi , jiriulta li l-appellant wera ix-eqa li jindirizza il problema tad-droga madankollu l-attitudini tieghu tixhed mod iehor.

7. L-Ufficjal tal Probabtion stqarret ukoll I wat li l-appellant kien qieghed l-Habs inghta opportunitajiet sabeix jirriforma ruhu pero m gharafx jisfrutta ruhu.

Minn esami tar-rakkomandazzjonijeit tal-Ufficcjal tal-Probabtion jirrizulta li l-appellant kellujinghta piena ta prigunerija effettiva u jekk f'dak il-perijdou juri motivazzjoi huwa ikun jsita jinghata l-opportunita li isegwi programm ta riabilitazzjonni mill-vizzju tad-droga.

In vista ta dak kollu li rrizulta mir-rapport l-ewwel Qorti ikundannat lill-appellant ghal piena ta prigunerija u zidet tghid li ' *fejn min hemm huwa ghandu juza dan iz-zmien sabiex jirrifletti bis-serjeta x'direzzjoni ghandha tiehu hajtu.'*

Ikkunsidrat,

Bhala fatt jirrizulta li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti inghatat fit-12 ta' Marzu, 2018 u cioe kwazi sentejn ilu. F'dan iz-zmein kollu l0appellant kien qieghed il-habs jiskonta sentenza ta' prigunerija. Jidher li gab ruhu tajjeb fis-sens li ma fetah l-ebda kaz ta dixxiplina u mill-atti ma jirrizultax li fil-fatt fetah xi kazijiet godda. Jidher li tul dan il-perijodu ittihdulu diversi kampjuni tal-awrina tieghu u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Irrizulta ukoll li mid-doza ta' 75cc ta' methadone din nizlet ghal zero.

Issa jirrizulta wkoll mir-rappresentant tal-Habs li jidehr li l-appellant ghandu motivazzjoni sabeix jibda' prgramm ta' riabilitazzjoni tant li sahansitra xtaq jibdih minnufih pero skond Noel Cassar kien ikun ahjar jekk jibdih f''Novembru 2020 meta ikun ghad fadallu zmien ghaar xhur prigunerija sabie xb''hekk wra ilk kun ghamel il-kors ikun jstia jibda jghamle il-programm ta 'out reach'.

Jidher li fil-fehma tal psikologa jidher li l-appellant irregitra progress fl-imgieba tieghu u fehem l-import ta' riabilitazzjoni.

Issa kif intqal aktar 'l fuq in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[8]

Jirrizulta wkoll illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrisalu ghall-2016 meta l-appellant kien ghadu ghaddej minn perijodu difficli f'hajtu kemm mill-ghan psikologiku kif ukoll min ndak ta imwgieba u relazzjonijiet .

Minn esami ta l-atti processwali jirrizulta illi l-appellant kkoopera mal-Pulizija u mal-Qorti tant illi, mistoqsi dwar il-htija tieghu ghall-akkuzi odjerni fis-sena 2016 huwa ammetta mill-ewwel ir-responsabbilta` tieghu, indikazzjoni cara din illi "he wanted to come clean" u jnehhi toqol minn fuqu. Fil-mori ta' l-appell din il-Qorti semghet diveri xhieda jixhdu dwar –andament tal-appellant waqt li kien qed jsikotna sentenza ta prigunerija u ejkk in effetti registrax xi progress f'ghemilu u

[8] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et, 2 ta' Ottubru 2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano, 13 ta' Novembru 2003

jirizult abic-car li fil-fatt l-appellant heles mill-vizju ta droga tant li kul risultt tal –esami li sar fuq –awrina tieghu kien qiehed negttiv ghall-presenza ta droga.

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef</u>** [9]

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ki intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' **<u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>**[10], il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Jinghad ukoll kif mistqarr fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**[11], il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura*

---

[9] Moghtija fit-28 ta' Novembru 2006

[10]Deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru 2008

[11] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008

*ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. George Farrugia:*** *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami, kif del resto esprimiet ruha din il-Qorti diversament preseduta fis-esntenza **il-Pulizija vs Anton Vassallo** [12]jidher illi l-appellant qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel xi hlas opportuni lill-vittma indikat fl-akkuza bhala Stephen Galea.

Dwar il-kumpens, jinghad li mill-atti processwali ma jirrizultax l-ammont qua valur li huwa seraq mill-hanut stationary 'Steve Stationary' gie stability anzi ghad-dirittura jirrizulta minn esami tar-rapport tal Ufficcjal tal Probabtion[13] li l-vitma ma setghaxjigi kkuntattjat minkejja l0isforzi kollha tal Ufficcjal tal-Probabtion . Madankollu din il-Qorti thoss li stante l-ammissjoni tal-appellant ghar-reat ta serq u hra volontarja huwa xorta ghandu jikkumpensa lil-vitma Steohen Galea ta' ghemilu u ghalhekk torna li l-appellant ihallas l-ammont ta' hames mitt euro ( €500) bhala

[12] Moghtija 9 ta Jannar 2013

[13] Fol. 3 tar rapport . fol 18 tal process

kumpens tad-dannu sofferti mill-vitma. Dan l-ammont huma minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe somma akbar li tista' tkun dovuta.

Fl-ahharnett din il-Qorti tammonixxi severament lill-hati li jekk jonqos minn xi kondizzjoni elenkata fl-ordni ta' probation din il-Qorti mhijiex se tkun propensa li turi l-ebda klemenza mieghu. Din hija l-ahhar opportunita` li sejra taghtih biex jibqa' fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-imsemmi Sean Micallef billi tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma dwar id-dikjarazzjoni ta' htija tirrevokaha in kwantu kkundannatu hmistax-il xahar prigunerija u minflok a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446, tordna li l-istess Sean Miallef jitqieghed taht Ordni ta' Probation taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghal tliet snin millum u li jsegwi l-kundizzjonjiet **KOLLHA** indikati fl-istess ordni hawn anness.

Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-istess Sean Micallef jhallas bhala danni lil Stephen Galea is-somma ta' €500 u dan bil-modalitajiet miftiehma ma' l-Ufficjal tal-Probation tieghu tenendo kont tal-fatt li l-appellant huwa il-Habs jiskonta sentenza u li wara ser ikun qed isegwi programm ta' riabiltiazzjoni

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal- Ufficcju tal Parole u Probation bil-ghan li jigi nominat kandidat idoneju u l-Qorti taghati r rakomandazzjoni taghha sabiex possibilment jigi nominat l-Ufficjal tal-Prbation Rhona Custo li hija gja mgharfa bil-fatti tal-kaz.

(ft)Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Regisratur

Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 147/2018

Il-Pulizija

Spettur Carlos Cordina

Spettur Robert Vella

Vs

Sean Micallef

ORDNI TA' PROBABTION

[Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]

Seduta a Illum 27 ta' Frar 2020.

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata Sean Micallef. Bin James u Natalina xebba Fenech imwieled il-Pieta fit-18 ta Gunju 1993 u fil-present residenti gewwa il Facilita KOrettiva ta Kordin u detentur tal karta ta identita numru 271593(M) inghata ordni ta probation ghall perijodu ta tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probabtion;

Tiddikjara li ssib lil imputat Sean Micallef hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. li l-appellant ghandu jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga mal-Caritas kif pjanat u ghandu jibda da nil-kors f Novembru 2020;

2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-appellant igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz

kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

3. li l-appellant jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu kemm fid-dar tieghu kif ukoll fic-centru fejn ser ikun qed jirrisjedi ghar riabilitazzjoni tieghu;

4. li l-appellant minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza tieghu;

5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess appellant.

6. LI jghati kampjun tal awrina tieghu kul meta jigi hekk mitlub anke jekk ghall-gharrieda u dan sbaeix jigi ttestjat ghall-presenza ta dsustanzi illeciti u jekk jkun hemm imqar rizultat wiehed posittiv jitqies li l-appellant kiser l-Ordni tal Probabtion u jigi trattat mill-gdid ghall-piena idoneja.

7. LI l-appellant jghati kumpensa fl-ammont ta hames mitt euro ( €500) lil Stephen Galea u dan fil-modalita li tigi rakomandta mill Ufficcjal tal-Probabtion tenendo kont li l-appellant jinsab detenut il-Habs u in segwitu isegwi programm. Dan l-ammont ghandu jithallas fi zmien tlett snin u cioe fit terminu ta din l Ordni.

Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef Sean Micallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur